# IMFAKKAR ID-DIXXENDENT MALTI "MISSIER IL-ĠOJJELLERIJA MODERNA"



Ir-Reġina Eliżabetta liebsa l-brooch favorit tagħha ddiżinjat minn Grima







Andrew Grima

Ktieb ġdid, li għadu kif ġie ppubblikat bl-isem ta' *Andrew Grima – The Father of Modern Jewellery*, jikkommemora x-xogħol artistiku ta' dan il-ġojjelier b'dixxendenza Maltija li għamel isem kbir fir-Renju Unit sa minn għexieren ta' snin ilu b'disinji mill-isbaħ li ntlibsu minn personalitajiet famużi, bħal atturi u membri tal-Familja Rjali.

Il-ktieb jidħol fid-dettall dwar il-ħajja tal-ġojjellier imwieled f'Ruma, bin l-immigrant Malti John Grima u t-Taljana Leopoldina Farnese, u kif dan prattikament mix-xejn ħoloq niċċa fid-dinja tal-ġojjellerija mfittxija minn kulħadd sakemm eventwalment tilef kollox wara li nfired minn mal-ewwel mara tiegħu.

Andrew twieled fil-kapitali Taljana fil-31 ta' Mejju tal-1921, fejn kienu jgħixu l-ġenituri tiegħu, iżda emigraw lejn l-Ingilterra meta kien għadu żgħir. Hu studja l-inġinerija mekkanika fl-Università ta' Nottingham, missieru kien disinjatur tar-rakkmu u ħutu laħqu periti. Fil-fatt kienu huma li ddisinjawlu l-ewwel ħanut tiegħu f'Londra fl-1966.

L-istorja ta' Andrew fid-dinja tax-xogħol hi mħawra sew, fejn beda bħala ħaddiem fil-ħanut ta' missieru tal-ġojjellerija f'Londra bħala accountant, wara beda jiddisinja l-ġojjellerija u spiċċa jagħmel isem mad-dinja kollha f'dan il-qasam. Mhux biss, uħud mill-klijenti tiegħu kienu ismijiet kbar: ir-Reġina Eliżabetta II u membri oħra tal-Familja Rjali, Jackie Onassis, Barbara Hepworth u l-maġġoranza tan-nisa fil-jet-set ta' dak iż-żmien. Hu wkoll rabat ismu ma' ditti prestiġjużi, fosthom Omega u Pulsar.

Grima żżewweġ darbtejn, l-ewwel fl-1947 ma' Helène Haller, neputija tal-ġojjellier Vjenniż li permezz tiegħu Grima daħal fil-kummerċ. Il-koppja kellhom tifel u żewġt ibniet, imma ddivorzjaw fl-1977. Fl-istess sena, Grima żżewweġ lil Jojo Maughan-Brown, neputija ta' Sir Thomas Cullinan. Huma kellhom tifla waħda, Francesca, li flimkien ma' ommha kompliet in-negozju tal-familja. Fl-1986 il-familja Grima marret l-Iżvizzera, l-ewwel f'Lugano u fl-1992 f'Gstaad, fejn Grima miet fis-26 ta' Diċembru tal-2007.

L-istorja ta' Andrew tibda fl-1966, is-sena meta Londra kienet iċ-ċentru tal-attenzjoni. Sena meta r-rivista influwenti *Time* laqqmet lil Londra bħala s-"Swinging City", sena meta l-Beatles kienu fil-quċċata tal-klassifika, il-famuża Mary Quant irnexxielha tagħmel rivoluzzjoni fil-qasam tal-moda permezz tal-mini skirt u meta l-mudelli u l-istilel tal-mużika kienu jidhru spalla ma' spalla mal-membri tal-Familja Rjali.

Fl-isfond ta' dan, meta l-fotografu Lord Snowdon, li kien ir-raġel tal-Prinċipessa Margaret, deher fil-ħanut ta' Andrew Grima bħala mistieden tal-unur, il-ħanut mill-ewwel splođa fil-popolarità. L-okkażjoni kienet waħda li wkoll tefgħet lil Andrew fiċ-ċentru: Andrew Grima kien għadu kemm ingħata l-premju tad-Duka ta' Edinburgh għall-Eleganza fid-Disinn – l-ewwel u l-unika ġojjellier li qatt rebaħ dan l-unur – u kien għadu kemm fetaħ dan il-ħanut.

U x'ħanut kien! Deskritt ukoll bħala "ġojjel tal-arkitettura moderna", litteralment spikka mill-kumplament tal-ħwienet tal-akkwati, kemm bħala disinn kif ukoll bħala materjal użat għall-faċċata u d-disinn ta' ġewwa. Ħarsa lejn il-ktieb tal-viżitaturi wkoll kien preġju minnu nnifsu, b'firem tar-Reġina Eliżabetta, Lord Snowdon, il-Prinċipessa Margaret u l-Prinċipessa Anne, l-attriċi Ursula Andress, magħrufa bħala t-tfajla tal-film ta' James Bond, l-attur Peter Sellers u l-kantanta Lulu, li kienet għadha kemm kellha suċċess bil-kanzunetta "Shout" fl-età tenera ta' 15-il sena.

## Il-bidu ta' Andrew

Il-ktieb minn William Grant, li żżewweġ lit-tieni mara ta' Andrew, Jojo, jirrakkonta l-ħajja ta' Andrew mill-bidu pjuttost imqalleb tiegħu. Andrew kien l-ikbar minn disat itfal. Minn Ruma l-familja tiegħu emigrat lejn l-Ingilterra meta kellu ħames snin. Minn età żgħira wera l-kapaċitajiet artistiċi tiegħu imma ż-żgħożija tiegħu kienet imtappna mill-qawmien ta' Mussolini. Meta l-Italja invadiet l-Abbissinja fl-1935, malajr kien hemm sanzjonijiet kummerċjali li affettwaw bl-ikrah lin-negozju ta' missier Andrew, tant li kellu jagħlaq. Missier Grima tant kien affettwat b'dan li spiċċa l-isptar u Andrew ta' 16-il sena kellu jitlaq ħesrem mill-iskola u jmantni l-familja.

Kif spiċċa s-servizz tiegħu mal-Armata Brittanika f'Burma, Andrew skopra li l-kulleġġi tal-arti kienu kollha magħluqin. Inkiteb f'kors ta' fil-għaxija għas-segretarji, l-unika raġel fi klassi ta' 40, fejn iltaqa' mal-ewwel mara tiegħu Helène Haller. Ingħaqad mad-ditta tal-ġojjellerija tal-familja tagħha, il-Kumpanija HJ. Minn hemm beda t-triq li wasslitu għall-għarfien mad-dinja kollha f'dan il-qasam.

Kienet is-sena 1948. Fil-ħanut tal-ġojjellerija daħlu żewġ negozjanti b'bagalja mimlija sax-xfar b'ħaġar prezzjuż mill-Brażil. Andrew irnexxielu jipperswadi liz-zija ta' martu biex jixtri dan il-ħaġar prezzjuż u bihom iddisinja u ħoloq l-ewwel kollezzjoni tiegħu b'dan il-ħaġar.

## Il-Familja Rjali

Fl-1963 Lord Snowdon għamel diskors waqt ikla tal-Assoċjazzjoni Brittanika tal-Ġojjellieri u fih ikkritika bl-aħrax id-disinn tal-ġojjelli u qal li għalkemm dawn jissejħu moderni, fil-fatt huma medjokri. Andrew Grima qomos sew għal dan id-diskors u stieden lil Lord Snowdon fil-ħanut tiegħu. Din il-laqgħa bejniethom li saret fl-1964 kienet il-bidu ta' ħbiberija kbira bejn it-tnejn.

Fl-istess ħin id-disinn tal-ġojjelli ta' Andrew, li kien stil avventuruż u li jispikka minħabba li ħareġ kompletament min-norma, beda jiġbed l-għajn. Tant li d-disinji tiegħu ġabru xejn inqas minn 11-il premju internazzjonali mogħti mill-aktar ditta rinomata tal-ġojjellerija, De Beers Diamonds. Premju li jitqies bħala l-ekwivalenti tal-Oscars fid-dinja tal-films.

Fl-1965 irnexxielu wkoll jieħu promozzjoni prestiġjuża, grazzi għal ritratt fil-faċċata tar-rivista popolari *Vogue*, fejn il-mudella Jean Shrimpton dehret liebsa ċurkett enormi ta' Andrew. Is-sena ta' wara rebaħ il-Premju tad-Duka ta' Edinburgh għal disinn eleganti u l-ġojjellerija tiegħu spiċċat tiġi mmudellata mill-attriċi Ursula Andress.

Minn hawn it-triq ta' Andrew kompliet timraħ. Fl-1967, il-Prinċipessa Margaret bagħtet pakkett lil Andrew li kien fih ittra personali miktuba bl-idejn, biċċa pjanta li sabet waqt mixja qrib il-Kastell Balmoral u talbitu biex jagħmel kopja tagħha tad-deheb. Kien il-Prinċep Philip li wassal il-ġojjellerija ta' Andrew għand ir-Reġina Eliżabetta, meta xtralha biċċa mill-kollezzjoni ta' Andrew, brooch msejjaħ Ruby Venus, li libsitu għas-70 anniversarju tażżwieġ tagħha u sal-lum għadu meqjus fost il-favoriti tagħha.

Minn hawn il-Familja Rjali saret klijenta regolari ta' Grima u fl-1972 ingħata dik li tissejjaħ il-Warrant Rjali. F'dik l-istess sena kien ukoll mistieden tar-Reġina Eliżabetta biex joħloq biċċa xogħol għall-mara tal-President Franċiż, Madame Pompidou.

Klijenti oħrajn Rjali kienu l-Prinċipessa Anne u l-Prinċipessa Diana.

## It-tmiem tal-karriera

Sfortunatament fl-istess żmien li l-Prinċipessa Diana kienet ippreżentata b'ġojjellerija ta' Andrew waqt żjara rjali f'Wales fl-1985, Andrew kien issepara mill-ewwel mara tiegħu Helène, divorzju li swieh ftit mhux ħażin bħala finanzi. Iżżewweġ lil Jojo, li kienet ġejja mill-familja ta' Sir Thomas Cullinan, negozjant prim tad-djamanti.

Biex jipprova jirkupra ftit finanzi daħħal sieħeb fin-negozju, imma ma rnexxiex tant li spiċċa tilef il-ħanut u saħansitra l-Warrant Rjali. Imbikkem, kellu jħalli l-Ingilterra lejn l-Iżvizzera biex jerġa' jibni ħajtu mill-ġdid.

Andrew Grima miet fl-2007 ta' 86 sena wara li sofra mill-kundizzjoni tad-dimensja, imma ismu u r-rivoluzzjoni li rnexxielu joħloq fid-dinja tal-ġojjellerija għadhom jidwu sal-lum u jinfluwenzaw artisti oħrajn simili.



L-attriċi Sharon Tate tippoża bil-ġojjelli ta' Grima







